MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tad-9 ta' Awwissu, 2007

Numru 113/2004

Il-Pulizija
(Spettur Mario Tonna
Spettur Martin Sammut)

vs

Manuel Bartolo

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imputat Manuel Bartolo detentur ta’ karta ta’ identita’ numru 386481M, akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer fit-30 ta’ Novembru 2003 f’xi hin bejn nofs il-lejl u l-erba’ ta’ filghodu gewwa Triq San Andrija, San Giljan, u/jew fil-vicinanzi u kif ukoll gewwa l-Ghassa tal-Pulizija ta’ San Giljan:

1. minghajr il-hsieb li joqtol jew iqieghed l-hajja fil-perikolu car, ikkaguna ferita ta’ natura gravi fil-gisem ta’ John Fitz, skond kif certifikat mit-tabib Dr. V. Vella

Catalino MD u dan bi ksur ta' l-Artikoli 214 u 216 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. ikkaguna ferita ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Sean Fitz skond kif certifikat mit-tabib Dr. V. Vella Catalano MD u dan bi ksur ta' l-Artikolu 221 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. volontarjament kiser l-bon ordni jew il-kwiet pubbliku b'ghajjat u glied u dan bi ksur ta' l-Artikolu 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' sommarjament mhux opposta.

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Ikkonsidrat:

L-incident meritu dawn il-proceduri, li minhabba fih l-imputat jinsab akkuzat li kkaguna ferita gravi u ohra hafifa fuq iz-zewg kwerelanti, gara l-Ghassa ta' San Giljan, izda precedut minn incident li gara ftit tal-hin qabel f'arja privata u miftuha, li fiha l-imputat jistqarr li kien aggredit u ferut lievement minhabba li kien ipparkeggja l-vettura tieghu hemmhekk. Issa kemm mill-istqarrija tal-imputat u kemm mill-provi jirrizulta illi l-incident li ghalih jaghmel riferenza l-kawza sehh meta l-imputat kien gewwa l-ghassa ta' San Giljan fejn kien mar jirraporta l-aggressjoni li kien soffra ftit tal-hin qabel. Mhux kontestat fil-fatt illi waqt li kien qieghed l-ghassa dahlu z-zewg kwerelanti u waqt xi paroli li gew skambjati bejniethom l-imputat qam minn bilqeghda u fajjar daqqa ta' ponn li laqtet lil John Fitz. Konsegwenza tad-daqqa ta' ponn Fitz nkissritlu parti minn sinna ta' quddiem. Mistoqsi fl-istqarrija tieghu ghaliex kien fajjar id-daqqa ta' ponn, l-imputat qal testwalment "ghax bdejt inhoss id-daqqjiet li qlajt u kont mahruq".

Issa mill-provi kollha li semmghet din il-Qorti hi nisslet il-konvinciment fiha li l-fatti graw sostanzjalment kif jghidhom l-imputat.

Illi m'hemmx dubbju li l-ferita subita mill-kwerelant John Fitz hija klassifikabbli bhala gravi izda dan m'ghandux f'kull kaz jissarraf awtomatikament fir-reita' bla riservi tal-imputat stante l-fattur tal-provokazzjoni, li jekk tissusisti, ikollha l-effett li tirrendi r-reita wahda skuzabbli. Issa ghandu jkun car lil-agir tal-imputat ma jinkwadrax fil-bzonn attwali tieghu tad-difiza legittima tal-persuna tieghu, izda, u fil-fehma ta' din l-Qorti, ghandu mill-provokazzjoni li tippresupponi rejazzjoni dovuta ghar-rabja u agir subitaneju karatterizzata b'tpattija; proprju li tirrispekkja il-kliem tal-imputat meta rrilaxxja l-istqarrija u liema kliem tieghu huma riportati aktar il-fuq. Ghandu jinghad ghall-kompletezza illi ma kienx l-imputat li pprovoka l-ewwel anzi ghall-kuntrarju kien hu li gie provokat. Ma dan jista' jizdied illi jekk xejn l-kwerelanti kien misshom fittxew l-assistenza tal-pulizija qabel u mhux wara.

Ghalhekk u fid-dawl ta' dak fuq espost u wara li rat l-Artikolu 216(1)(i)(ii), 218(1)(a), 221(3)(a), 227(c), 229(c), 230(c), 231(1)(b)(2), 232(a)(c), 235 tal-Kap 9 issib l-imputat hati tal-ewwel u t-tieni akkuza din bl-attenwanti tal-provokazzjoni, izda mhux tat-tielet wahda li ma tirrizultax, u tiddeciedi wara li kkonsidrat ic-cirkostanzi u l-fedina penali tal-imputat li tilliberah bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor zmien tlett xhur mill-lum.

Il-Qorti spjegat lill-imputat ir-responsabbilitajiet tieghu li johorgu minn dina s-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------